MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 45/1997/1

Lino Vella

vs

Forestals Appliances Limited, u
Leonard Scicluna, u b'degriet tas-16
Ta' Mejju, 1997, l-isem 'Leonard
Għandu jiġi sostitwit bl-isem 'Bernard'.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi l-attur huwa l-proprjetarju u jiġġestixxi n-negozju ta' ħanut u restaurant magħrufa bħala "Sea View Bar and Restaurant" li qiegħed f'15 Shore Street, Mġarr, Għawdex;

Illi l-hamis 21 ta' Awissu 1996, impjegat mingħand is-soċjeta' konvenuta preċiżament il-konvenut l-iehor

Leonard Scicluna aċċeda fuq il-post sabiex jagħmel maintenance tal-forn li hemm fl-istess lokal u ġie debitament imħallas mill-attur;

Illi l-istess xogħol sar b'mod traskurat u mhux skond l-arti u s-sengħa tant illi l-istess konvenut Leonard Scicluna ma rabatx l-iscrews tal-panelling tal-istess forn bir-riżultat illi meta l-istess forn ġie biex jintuża mill-pizzar waqa' l-panelling u dana kkawża short circuit b'riżultat illi l-provvista tal-kurrent elettriku ġiet ukoll sospiża;

Illi a kawża ta' dan ix-xogħol traskurat, l-attur sofra ħsara fl-istess forn ammontanti għal mija u tmenin lira maltin (Lm180) kif ukoll telf ta' xogħol u qliegħ finanzjarju peress illi sal-lum l-istess forn għadu ma jistax jiġi utilizzat għall-pizza;

Illi tal-istess danni jaħtu sewwa l-konvenut Leonard Scicluna li esegwixxa l-istess xogħol mhux skond l-arti u s-sengħa kif ukoll is-soċjeta' konvenuta fuq il-prinċipju ta' culpa in eligendo;

Illi l-konvenuti nonostante li ġew interpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attur, dawn baqgħu inadempjenti.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjarahom responsabbli għad-danni sofferti mill-attur minħabba l-inċident hawn fuq imsemmi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur minħabba l-inċident hawn fuq imsemmi, liema danni jammontaw fi ħsara materjali fl-ammon t ta' mija u tmenin lira (Lm180) kif ukoll f'telf ta' xogħol u qliegħ finanzjarju, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-kawża;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex iħallsu lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea tad-danni.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-26 ta’ Awissu 1996 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka.

Bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament maħlufa minnu.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Preliminarjament, illi ċ-ċitazzjoni hija monka, irrita u kompletament nulla stante illi m’hemmx indikazzjoni f’liema Qorti qegħda tiġi ppreżentata;

2. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-isem mogħti mill-attur u ċioe’ “Lino” mhux il-veru isem tiegħu u għandu jiġi sostitwit bl-isem proprju tiegħu;

3. in linea preliminari ukoll, u dejjem bla preġudizzju għall-premess, hemm indikati żewġ konvenuti differenti, wieħed bl-isem ta’ “Leonard Scicluna” (li tissostitwixxi l-isem ta’ Bernard li ġiue mgħotti bit-tipex) fiċ-ċitazzjoni u l-ieħor “Bernard Scicluna” fid-dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur, u anke għal din ir-raġuni hemm is-sanzjoni tan-nullita’ billi hemm sahansitra konfużjoni fl-identita’ ta’ wieħed mill-konvenuti;

4. Illi mhux ammess mir-rit proċedurali illi wieħed iniżżel elenku tax-xhieda li jrid jinġunġi dwar “il-fatti in kawża” iżda jrid jindika għar-rigward ta’ kull xhud liema fatti u provi jrid jipprova permezz tal-evidenza tiegħu (Art. 156(3) Proc. Civili):

5. Illi fil-mertu, u dejjem bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet kollha preliminari, is-soċjeta’ Forestals (Appliances) Limited żgur li ma hix responsabbli għall-culpa in eligendo billi Leonard Scicluna huwa impjegat imħarreġ u kompetenti fix-xogħol tiegħu;

6. Illi Leonard jew Bernard Scicluna għamel xogħlu sewwa u kwindi l-allegazzjonijiet dedotti fiċ-ċitazzjoni attriċi huma kollha totalment infondati għax m'humiex minnhom imma huma biss messa in scena sabiex l-attur jipprova jġib, a skapitu tal-konvenuti jew min minnhom, forn ġdid minflok il-qadim li għandu.

7. Salvi dejjem eċċezzjonijiet ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.
Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni minn issa stess tal-attur għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa mill-avukat Dottor Grezzju Mercieca.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar 1999 fejn innominat lil William Cassar Torreggiani bħala espert tekniku f'din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Ottubru 2000 fejn irrevokat l-inkarigu ta' William Cassar Torreggiani u ssostitwietu b'John Mompalao.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku ppreżentata fit-2 ta' Diċembru 2008 u minnu maħlufa fit-12 ta' Ġunju 2009.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tagħha tad-19 ta' Gunju 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jirreklama d-danni allegatament ikkawżati lilu mill-konvenuti, jew min minnhom, meta il-forn tal-pizza li kellu installat fir-restaurant tiegħu fl-Imgarr, Għawdex, ha n-nar u ma setgħax jintuża aktar. L-attur qed jattribwixxi dan l-inċident għall-kontensjoni illi l-konvenut Scicluna, impjegat tas-soċjeta' konvenuta, li kien għadu kemm għamel xi tiswijiet

fuq dan il-forn, ma esegwiex l-inkarigu tiegħu skond l-arti u s-sengħa.

Preliminarjament il-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet li kollha ġew irtirati fil-mori tal-kawża.[1] Fil-mertu mbagħad jiċħdu kwalunkwe responsabilita' għal dak li ġara.

**Il-perit tekniku** nominat f'din il-kawża, wara li eżamina l-forn in kwistjoni u sema' x-xhieda mressqa quddiemu, ikkonkluda illi: "*Jidher pero' biċ-ċar (li) il-problema prinċipali ta' dan il-forn kienet illi dan kellu nuqqas ta' ventilazzjoni adekwata bil-konsegwenza illi kien jisħon u s-sħana tiġi trasmessa f'partijiet diversi tal-forn, f'partijiet fejn anke m'għandux ikun hemm daqshekk sħana bil-konsegwenza illi ġrat ħsara diversa lil forn*."[2] Għaldaqstant attribwixxa r-responsabilita' għal dak li ġara, fuq min kien installa ċ-ċumnija u l-*hood* ta' l-istess forn, għax "*fil-fatt iċ-ċumnija u l-hood idejalment kellhom ikunu b'extractor magħhom…*". [3]

L-attur **Lino Vella** ammetta illi "*l-pipe taċ-ċumnija għamiltu jien*". Pero' mistoqsi mbagħad jekk tal-Forestals qalulux kif jagħmel iċ-ċumnija, wieġeb: "…*biex inkun onest, lanqas niftakar jekk jien għamiltx iċ-ċumnija jew tal-Forestals, Mistoqsi jekk iċ-ċumnija għamiltiex taħt id-direzzjoni ta' impjegati tal-Forestals ngħid li ma nafx*." [4]

Madankollu l-konvenut **Bernard Scicluna** kien inekwivoku għall-aħħar fid-depożizzjoni tiegħu dwar min kien installa din iċ-ċumnija fuq il-post u kif kellha ssir. "*Iċ-ċumnija trid tkun madwar sitt piedi u bil-canopy u mqabbda taħt il-canopy. Jiena għand Lino ġejt darba meta waħħalna l-forn… ġejt darba oħra minħabba ħsara fil-burner u hawn jiena ġbidt l-attenzjoni lil Lino Vella li ċ-ċumnija mhix tajba… it-tieni darba li mort għand Lino ftit qabel Santa Maria fuq complaint minħabba l-burner. Minn meta twaħħal il-forn mingħajr ċumnija sa dakinhar qatt ma mort*

---

[1] Ara verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Mejju 1997 .
[2] ara rapport peritali a fol. 74 - 77 tal-process . .
[3] ibid.
[4] a fol. 83 recto u verso .

*niċċekja jekk il-forn hux jaħdem sewwa u dan avolja kont naf li ċ-ċumnija kellu jwaħħalha Lino Vella…*".[5]

Din ix-xhieda ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mill-attur, u allura kemm-il darba la l-konvenut Scicluna u lanqas is-soċjeta' konvenuta ma kienu responsabbli mill-istallazzjoni tagħha, il-konsegwenzi għal dak li ġara jrid ibatihom l-attur innifsu.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti, tiċħad it-tabiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] ara xhieda tiegħu a fol. 83 verso .